**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-21 ta' Frar, 2020**

**Kawza numru: 325/2019 AM**

**Numru fuq il-lista: 40.**

**Anthony Borg (K.I. 182156 (M) )**

**49, Triq Msida, Birkirkara.**

**Vs**

**Paul Micallef ( K.I. 257554 (M) )**

**Block 5, ENT 2, Flat 4, Triq ix-Xatt, Gzira.**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba tas-socjeta attrici pprezentat fl-24 ta' Ottubru 2019 li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut jigi ordnat ihalsu s-somma ta' tlett elef ewro (€3000) rapprezentanti dawl u ilma

kkonsmati minn l-istess konvenut fil-fond ossija garaxx fl-indirizz 54, Triq il-Venerabbli Nazju Falzon, Birkirkara

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa ma deherx ghas-seduta u lanqas kkontesta t-talbiet attrici

Sema lill-attur jghid bil-gurament li l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra s-subizzjoni tal-attur.

Ra li l-konvenut reggha ma deherx ghas-seduta tal-lum u li wara li rega semgha lill-attur jikkonferma li i l-ammont ghadu kollu dovut il-kawza giet deciza.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jordna lil konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett elef ewro (€3000) bl-imghax legali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1974/19 kontra l-konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**